

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2011 — Industrias Francisco Ivars vs UASI — Motive (Riduttori mekkaniċi tal-veloċità)

(Kawża T-246/10) ⁽¹⁾

(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta riduttur mekkaniku tal-veloċità — Disinn Komunitarju preċedenti — Raġuni ta' invalidità — Nuqqas ta' karattru individwali — Nuqqas ta' impressjoni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)

(2011/C 340/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Industrias Francisco Ivars, SL (Xeraco, Spanja) (rappreżentanti: E. Caballero Oliver u A. Sanz-Bermell y Martínez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Motive Srl (Montirone, Italja) (rappreżentanti: I. Valdelomar Serrano u J. Mora Granell, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Marzu 2010 (Każ R 1337/2008-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Motive Srl u Industrias Francisco Ivars, SL.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Industrias Francisco Ivars, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 195, 17.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2011 — medi vs UASI — Deutsche Medien Center (deutschemedi.de)

(Kawża T-247/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali deutschemedi.de — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti World of medi, trade marks nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti medi.eu, medi welt, medi-Verband, medi u isem ta' kumpannija u isem kummerċjali preċedenti medi — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 340/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: medi GmbH & Co. KG (Bayreuth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Lindner, D. Terheggen, T. Kiphuth, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Deutsche Medien Center GmbH (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Bodemann, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Marzu 2010 (Każ R 1366/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Weihermüller & Voigtmann GmbH & Co. KG u Deutsche Medi Präventions GmbH.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-16 ta' Marzu 2010 (Każ R 1366/2008-4) hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat, minbarra għall-ispejjeż tiegħu, għall-ispejjeż ta' medi GmbH & Co. KG.
- (3) Deutsche Medien Center GmbH għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 31.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2011 — Cooperativa Vitivinícola Arousana vs UASI — Sotelo Ares (ROSALIA DE CASTRO)

(Kawża T-421/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ROSALIA DE CASTRO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti ROSALIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Evalwazzjoni tax-xebh tas-sinjali fuq il-livell kunċettwali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 340/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cooperativa Vitivinícola Arousana, S. Coop. Galega (Meaño, Spanja) (rappreżentant: E. Sánchez-Quiñones González, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Maria Constantina Sotelo Ares (Cambados, Spanja) (rappreżentant: C. Lema Devesa, avukat)